KUNSILL LOKALI SLIEMA LOCAL COUNCIL

Depiro Street, Sliema SLM 04

Tel: 21 33 76 33 Fax: 21 34 53 33

Ref: Seduta 1# 5/04/06/V

# MINUTI TA' l-EWWEL SEDUTA

**l-Ewwel Seduta** tal-Hames Kunsill Lokali ta' Sliema inzammet nhar **l-Erbgha 5 t'April 2006,** fl-Ufficcji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

Prezenti:

Il-kunsillieri : Marina Arrigo
Martin Debono
Albert Bonello Dupuis
Michael Briguglio
Marianne Aquilina
Nicholas Dimech
Michael Pace Ross
Margaret Azzopardi
Luke Vella.

Is-Seduta bdiet fl-6.00p.m. b'din l-Agenda.

## AGENDA

1. **Introduzzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv.**
2. **Accettazzjoni tal-Kariga ta'Sindku.**
3. **Accettazzjoni tal-Kariga ta'Vici-Sindku.**
4. **Ghoti ta'Dekasteri lill-Kunsillieri.**
5. **Affarijiet Ohra.**

Fil-bidu tas-seduta saret talba mis-Segretarju Ezekuttiv.

### 1. Introduzzjoni mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara diskors ta'merhba lill Kunsillieri eletti u awguralhom ghas-success taghhom fl-elezzjoni li ghaddiet. Huwa f'ismu u f'isem l-istaff wieghed lealta' u ghajnuna lill Kunsilliera eletti. Wara talab lill Kunsillier l-aktar anzjan biex ikompli jmexxi s-seduta.

## 2. Accettazzjoni tal-Kariga ta'Sindku.

2.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara Kap.25.1 tat-tielet taqsima tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali fejn titkellem dwar il-Hatra ta'sindku. Ghalhekk il-Kunsillier A. Bonello Dupuis talab lill-Kunsilliera M.Arrigo jekk taccettax il-Kariga ta'sindku.

2.2 Il-Kunsillier M.Arrigo accettat il-Kariga u wara iffirmat l-ittri ta' accettazzjoni.

2.3 Is-Segretarju Ezekuttiv L.Bartoloipprezenta lis-Sindku l-Gdid l-Insingna ta'sindku.

2.4 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo rringrazzjat lill-Kunsilliera u qalet li lesta tahdem ma kullhadd ghall-gid ta'Tas-Sliema.

## 3. Accettazzjoni tal-Kariga ta' Vici-Sindku.

3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qara Kap.25.2 tat-tielet taqsima tal-Ligi tal-Kunsilli Lokali fejn titkellem dwar il-Hatra ta' Vici-Sindku.

3.2 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo talbet lill-Kunsillier Albert Bonello Dupuis jekk jaccettax il-Kariga ta'Vici-Sindku.

3.3 Il-Kunsillier A.Bonello Dupuis accetta l-Kariga u ffirma l-ittra ta'accettazzjoni.

## 4. Ghoti ta'Dekasteri lill Kunsillieri.

4.1 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo wara qassmet id-Dekasteri lill Kunsilliera kollha.
Dawn kienu :

**Marina Arrigo Sindku :** Direzzjoni Generali, Toroq, Bankini, Sinjali tat-traffiku u marki tat-traffiku.

**Martin Debono Kunsillier :** Toroq, Bankini, Traffiku, Sinjali u marki tat-traffiku. Sositut tal-Kumitat Kongunt.

**Albert Bonello Dupuis Vici-Sindku :** Trasport pubbliku, Neighbourhood Watch, Pulizija. rapprezentant fuq il-Kumitat Kongunt tad-dawl tat-toroq.

**Michael Briguglio Kunsillier :** Ambjent generali, xtut u affarijiet marittimi, relazzjonijiet mal-Komunita' Kummercjali u gonna pubblici, bini storiku u tismija ta'toroq u magazine.

**Marianne Aquilina Kunsilliera :** Edukazzjoni, kultura, affarijiet tal-familja, persuni bi htigijiet specjali.

**Nikki Dimech Kunsillier :** Finanzi, Rapprezentant tal-Kumitat kongunt (Pooling System), zghazagh, sport u e-government.

**Michael Pace Ross Kunsillier :** Zaghzagh, sport, affarijiet internazzjonali, Magazine, Website, Anzjani, PRO.

**Margaret Azzopardi Kunsilliera :** Trasport Pubbliku, Ambjent generali, Xtut, u affarijiet marittimi, relazzjonijiet mal-Komunita' kummercjali u gonna pubblici, bini storiku u tismija ta'toroq.

**Luke Vella Kunsillier :** Sostitut fuq il-Kumitat kongunt tad-dawl tat-toroq. Zghazagh u sport, edukazzjoni, kultura, affarijiet tal-familja, persuni bi htiegijiet specjali, affarijiet internazzjonali u E-government.

Kopja ta'dawn ix-xogholijiet giet moghtija lill Kunsilliera kollha.

5. Affarijiet Ohra.

5.1 B'ftehim bejn il-Kunsilliera kollha gie deciz li l-Kunsill jibda jiltaqa' kull tielet Erbgha tax-xahar u l-hin ikun fl-4.30p.m.

5.2 Il-Kunsillier M.Pace Ross ta' ir-risenja tieghu minn Kunsillier lis-Segretarju Ezekuttiv b'effett immedjat. Huwa qal li kien kontra qalbu qieghed jirrizinja mill-Kunsill minhabba ragunijiet purament personali. Huwa qal li kien jozz hafna z-zmien li ghamel fil-kunsill u huwa jinsab grat lejn il-Kunsilliera kollha ta'kemm hadmu flimkien, kif ukoll ma l-istaff kollu tal-Kunsill.

5.3 Is-Sindku s-Sinjura M.Arrigo rringrazzjat lill-Kunsillier M.Pace Ross tax-xoghol li wettaq kemm dam kunsillier u awguratlu sucess fil-hajja personali tieghu. Maghha nghaqdu l-kunsilliera l-ohra kollha.

5.4 Is-Sindku s-Sinjura M. Arrigo ghalqet is-Seduta fis-7.00p.m.

**Lino Bartolo**
**Segretarju Ezekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku.**